2025/1494

19.7.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/1494

tas-18 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1495 tas-18 ta' Lulju 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]).

(3) Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK tipprojbixxi l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, u l-akkwist mir-Russja ta' armi u materjal relatat ta' kull tip.

(4) Fis-18 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid 26 entità mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tinkludi wkoll f'dik il-lista ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja u b'hekk jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, inkluż fuq vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tespandi l-lista ta' oġġetti li jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi telenka oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inkluż magni addizzjonali ta' kontroll numeriku tal-kompjuter u komposti kimiċi għall-propellanti.

(7) Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-miżuri restrittivi imposti b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jeħtieġ li jiġi indirizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri permezz tal-esportazzjoni indiretta via pajjiżi terzi. L-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha, inkluż meta jiġu esportati bil-pretest li huma maħsuba għal użu aħħari ċivili. Il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni indiretta tkopri l-esportazzjoni ta' oġġetti li huma elenkati fl-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, inkluż via pajjiż terz. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni preventiva f'waqtha fejn ikun hemm riskju kredibbli li tali oġġetti esportati lejn pajjiżi terzi fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jiġu ddevjati lejn ir-Russja. Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tipprovdi lill-Istati Membri mekkaniżmu amministrattiv fakultattiv li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel għall-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 lejn kwalunkwe pajjiż terz, fejn l-esportatur ikun ġie infurmat li hemm raġuni suffiċjenti biex jiġi ssuspettat li d-destinazzjoni finali tal-oġġett jista' jkun fir-Russja jew li l-użu aħħari tal-oġġetti jista' jkun għal entitajiet Russi. Dik il-miżura mhijiex maħsuba biex timponi restrizzjoni ġenerali ġdida iżda biex tgħammar lill-Istati Membri b'għodda effettiva u proporzjonata biex jinvestigaw u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri restrittivi, filwaqt li tiżgura interpretazzjoni armonizzata u ċarezza legali għall-esportaturi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' projbizzjoni tal-esportazzjoni indiretta jenħtieġ li ma jkunx affettwat minn

([1]) ĠU L, 2025/1495, 18.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1495/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jidddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

dik il-miżura. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk dik il-miżura jew il-klawżola ta' projbizzjoni tal-esportazzjoni indiretta għandhiex tiġi applikata bħala mekkaniżmu ta' infurzar f'każijiet li fihom id-destinazzjoni finali tal-oġġetti tista' tkun fir-Russja jew l-użu aħħari tal-oġġetti jista' jkun għal entitajiet Russi.

(8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 timponi restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Russi, bħal makkinarju, sustanzi kimiċi, xi metalli u plastiks. Biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 testendi aktar il-lista ta' oġġetti u t-teknoloġija soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżitu permezz tat-territorju tar-Russja.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 ([4]) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 ([5]) jipprevedu li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiksbu provvisti li jkunu alternattivi għall-importazzjonijiet ta' żejt mhux maħdum permezz ta' pipeline mir-Russja, biex dawk l-importazzjonijiet isiru soġġetti għall-projbizzjonijiet malajr kemm jista' jkun. F'konformità ma' dak l-objettiv, jenħtieġ li tintemm id-deroga temporanja mogħtija liċ-Ċekja għall-provvista ta' żejt mhux maħdum permezz ta' pipeline mir-Russja.

(10) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 timponi projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament fl-Unjoni, ta' prodotti petrolifiċi miksuba f'pajjiż terz miż-żejt grezz Russu, kif ukoll fuq il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata. Dik id-Deċiżjoni tintroduċi wkoll lista ta' pajjiżi sħab li għandhom sett ta' miżuri restrittivi li huma sostanzjalment ekwivalenti għal dawk imposti mill-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' żejt u prodotti petrolifiċi Russi. Jenħtieġ li l-prodotti tal-petrolifiċi importati minn esportaturi netti taż-żejt grezz jitqiesu li nkisbu minn żejt grezz domestiku u mhux minn żejt grezz li joriġina mir-Russja. Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ gwida dwar l-implimentazzjoni ta' din il-projbizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-evidenza li jenħtieġ li tiġi pprovduta mill-operaturi involuti fl-importazzjoni ta' prodotti petrolifiċi raffinati.

(11) Huwa pprojbit li l-LNG Russu jiġi importat permezz ta' terminals tal-LNG tal-Unjoni li mhumiex konnessi mas-sistema interkonnessa tal-gass naturali. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tintroduċi deroga mill-projbizzjoni li tista' tingħata minn Stat Membru li mhuwiex konness direttament mas-sistema interkonnessi ta' gass naturali ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor u li jirċievi l-ewwel provvista kummerċjali tal-ewwel kuntratt ta' provvista ta' gass naturali fit-tul tiegħu wara it-20 ta' Lulju 2025 sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tiegħu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura leġiżlattiva li għandha impatt fuq l-importazzjoni tal-enerġija lejn l-Unjoni mir-Russja.

(12) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 5aa (1) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi interpretat b'mod wiesa', u jenħtieġ li jkopri t-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet. F'dan il-kuntest, fir-rigward tar-relazzjoni bejn sussidjarja tal-Unjoni u kumpanija omm Russa elenkata fl-Anness XIX tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet jenħtieġ li fil-parti l-kbira jirriżulta, fil-prattika, fid-diżakkoppjament tas-sussidjarja mill-kumpanija omm Russa tagħha. Konsegwentement, il-kisba diretta jew indiretta ta' approvazzjonijiet li, skont it-termini ta' ftehim intrakorporattiv jew skont rekwiżit legali ieħor, is-sussidjarji jista' jkollhom jiksbu mingħand kumpanija omm elenkata, jew l-eżekuzzjoni ta' struzzjonijiet mogħtija direttament jew indirettament minn kumpanija omm elenkata, tista' twassal għal sussidjarja li tikkwalifika li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fl-Artikolu 5aa(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, u f'konformità mal-punt (c) ta' dak il-paragrafu. Bħala konsegwenza, dik is-sussidjarja, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi, tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Azzjonijiet li juru li s-sussidjarja taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità Russa jinkludu l-ħatra jew it-tkeċċija ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tas-sussidjarja tal-Unjoni, jew ir-riċeviment ta' struzzjonijiet jew approvazzjonijiet minn entità intermedjarja mhux involuta f'attivitajiet kummerċjali operazzjonali. Bħala riżultat ta' dawk il-konsegwenzi, jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' miżuri li jissalvagwardaw il-kontinwazzjoni ta' sussidjarja li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 5aa(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, pereżempju billi timponi kurazija pubblika jew miżura simili ta' firewall fuq tali sussidjarja. Tali miżuri jistgħu, soġġett għad-dritt nazzjonali, jiġu imposti jew awtorizzati wkoll mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati mis-settur jew il-qasam rilevanti li fih topera s-sussidjarja. Minħabba l-importanza tal-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet fl-Artikolu 5aa(1) ta', u l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness XIX tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jeħtieġ li jiġu applikati kriterji stretti meta tiġi imposta kurazija pubblika jew miżura ta' firewall simili. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-funzjonament ta', u l-konformità mal-miżuri

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 128, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/884/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/879/oj).

restrittivi minn, is-sussidjarji li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 5aa(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tintroduċi eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet, dment li awtorità kompetenti tkun imponiet kurazija pubblika jew miżura ta' firewall pubblika simili jew l-awtorità kompetenti tkun awtorizzat miżura simili ta' firewall. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal miżuri restrittivi oħra.

(13) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 temenda l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta projbizzjoni fuq it-tranżizzjoni fuq persuni, entitajiet jew korpi stabbiliti barra mir-Russja li jużaw is-Sistema għar-Trasferiment ta' Messaġġi Finanzjarji (SPFS) tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja. Dan huwa dovut għall-fatt li l-SPFS ġiet stabbilita mir-Russja bħala alternattiva għal servizz ieħor ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati stabbilit fl-Unjoni u biex tipproteġi lill-banek tagħha mill-impatt ta'miżuri restrittivi li l-Unjoni u l-alleati tagħha adottaw mill-2014 b'reazzjoni għall-azzjoni Russa biex iddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Il-Kunsill jikkunsidra li, billi tespandi l-użu tal-SPFS barra mit-territorju tagħha, ir-Russja tfittex li tkompli ssegwi dik l-istrateġija u li tipproteġi l-kummerċ internazzjonali tagħha mill-impatt tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, u b'hekk iżżid ir-reżiljenza finanzjarja tagħha u tipprovdi opportunitajiet biex tiffaċilita ċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([6]).

(14) Sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tipprevedi eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet f'ċerti portijiet għall-faħam tal-Każakistan abbażi tal-impenn tal-Unjoni li tipprevjeni impatti negattivi fuq is-sigurtà tal-enerġija ta' pajjiżi terzi madwar id-dinja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tipprevedi wkoll eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet f'ċerti ajruporti fir-rigward tal-kapaċitajiet u l-faċilitajiet nukleari ċivili.

(15) Il-pipelines Nord Stream u Nord Stream 2 ġew iddisinjati biex jittrażmettu gass naturali mir-Russja lejn l-Unjoni. Huma kkontrollati mill-Gvern Russu permezz ta' intrapriżi tal-istat. Iż-żewġ pipelines saritilhom ħsara f'Settembru 2022 u bħalissa mhumiex operattivi. Nord Stream kienet forniet gass naturali Russu lill-Ewropa, filwaqt li Nord Stream 2 qatt ma bdiet topera. Ir-Russja ripetutament, unilateralment u, sal-aħħar ta' Awwissu 2022, fixklet kompletament il-provvisti tal-gass naturali permezz ta' Nord Stream, sabiex titfa' pressjoni fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u ddgħajjef l-appoġġ tagħhom għall-Ukrajna. Barra minn hekk, il-forniment tal-gass naturali permezz ta' dawk il-pipelines fil-futur jista' jiġġenera dħul għar-Russja, u b'hekk jippermetti l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Sabiex tipprevjeni t-tkomplija jew l-istabbiliment ta' provvisti tal-gass naturali permezz ta' dawk il-pipelines, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tintroduċi miżuri restrittivi li jipprojbixxu kwalunkwe tranżazzjoni li tkun direttament jew indirettament konnessa mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2 u li tikkonċerna t-tlestija, it-tħaddim, il-manutenzjoni jew l-użu tal-pipelines jew partijiet mill-pipelines. Il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet jenħtieġ li tkopri wkoll ix-xiri ta' gass naturali ttrasportat permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-pipelines. Jenħtieġ li japplikaw eżenzjonijiet u derogi mmirati biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmi ta' kontroll eżistenti fuq il-pipelines permezz ta' mekkaniżmi ta' ristrutturar, b'mod partikolari b'rabta ma' Nord Stream AG u Nord Stream 2 AG, jibqgħu fis-seħħ, sabiex jiġi żgurat li l-pipelines ma jintużawx.

(16) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tespandi l-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji ta' pajjiżi terzi u fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi biex tinkludi entitajiet li qed ifixklu b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament (UE) Nru 269/2014. L-espansjoni tal-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tkopri wkoll l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż billi jipproċessaw tranżazzjonijiet jew jipprovdu finanzjament għall-esportazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali li jfixklu l-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid 2 entitajiet mal-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi soġġetti għal dik il-projbizzjoni. Fl-aħħar nett, il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tkopri wkoll kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp ta' pajjiż terz li mhumiex istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi, inklużi negozjanti taż-żejt, li qed ifixklu b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3m, 3n u 3s tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(17) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tespandi fi projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet il-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati lil ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji Russi jew entitajiet oħra li jissottoskrivu għal servizzi ta' messaġġi finanzjarji jew lil sussidjarji Russi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji ta' pajjiżi terzi, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja u bankarja Russa, u li huma jew banek reġjonali kbar u importanti, li konsegwentement jiffaċilitaw il-finanzi u n-negozju reġjonali u federali, jew banek li jiffaċilitaw pagamenti transfruntiera sinifikanti, u b'hekk isaħħu l-ekonomija Russa u l-industrija tagħha,

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj).

banek li jimminaw l-integrità territorjali tal-Ukrajna billi joperaw fit-territorji okkupati, jew banek li diġà huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew minn pajjiżi sħab. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid ukoll 22 istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja u entitajiet oħra mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal dik il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid eżenzjonijiet relatati mal-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fir-Russja u tranżazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti fir-Russja. Iżżid ukoll deroga għal tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja. Huwa mfakkar li l-miżuri restrittivi tal-Unjoni ma għandhomx effett ekstraterritorjali u ma jorbtux lill-operaturi inkorporati skont il-liġijiet ta' pajjiżi terzi, inkluż dawk tar-Russja. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8a tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, tranżazzjonijiet bejn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi inkorporati jew ikkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u s-sussidjarji tagħhom f'pajjiżi terzi ma jikkwalifikawx bħala ksur ta' dik il-projbizzjoni, inkluż jekk istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji soġġetti għall-projbizzjoni jkunu involuti f'tali tranżazzjonijiet. L-eżenzjonijiet u d-deroga fl-Artikolu 5h tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-operaturi fl-Unjoni li jipprovdu servizzi ta' messaġġi finanzjarji lill-entitajiet fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament.

(18) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 tipprevedi proċedura awtomatika dinamika għall-modifika tal-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum Russu skont il-prezz medju tas-suq taż-żejt mhux maħdum Russu. Tali proċedura jenħtieġ li tiżgura li l-limitu massimu tal-prezz ikun baxx biżżejjed f'kull ħin biex jitnaqqas id-dħul tar-Russja mill-esportazzjoni taż-żejt, filwaqt li jitqiesu l-fluttwazzjonijiet preċedenti fil-prezzijiet. Is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni sabiex temenda l-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum Russu abbażi ta' tali proċedura bl-ebda mod ma joħolqu preċedent għall-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill b'mod unanimu. Minħabba l-prezzijiet globali attwali taż-żejt, diġà jenħtieġ li jiġi adottat limitu aktar baxx fuq il-prezz taż-żejt mhux maħdum Russu sabiex il-limitu massimu tal-prezz jinġieb eqreb lejn il-kostijiet tal-produzzjoni taż-żejt u b'hekk ikompli jitnaqqas id-dħul tar-Russja mill-esportazzjoni taż-żejt. Kull darba li l-limitu massimu tal-prezz jiġi emendat, jenħtieġ li l-kuntratti preċedenti li jkunu konformi mal-limitu massimu tal-prezz eżistenti jibbenefikaw minn perjodu ta' tranżizzjoni ta' 90 jum għat-trasport marittimu u għall-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mat-trasport marittimu taż-żejt mhux maħdum Russu lejn pajjiżi terzi. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni huwa meħtieġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tal-limitu massimu tal-prezz mill-operaturi kollha. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' rieżami eżistenti jenħtieġ li jissaħħaħ, u jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-funzjonament tal-limitu massimu tal-prezz, tirrapporta lill-Kunsill kull sitt xhur u tipproponi emendi kif xieraq. Abbażi ta' tali rapport, jenħtieġ li l-Kunsill jirrieżamina l-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz, inkluż l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni, l-Anness XXVIII u l-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 tal-Artikolu 3n tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(19) Il-Fond Russu ta' Investiment Dirett (RDIF) jibqa' għodda użata mir-Russja biex tidderieġi muniti barranin lejn il-ġuriżdizzjoni tagħha, biex tfittex aċċess għal fondi sabiex issostni l-isforz tal-gwerra u biex iżżid ir-reżiljenza tal-ekonomija tagħha. Il-RDIF tuża strutturi ta' investiment kumplessi biex taħbi l-attivitajiet u l-proġetti kofinanzjati tagħha u tiżolahom mill-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 għalhekk tintroduċi projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet immirata lejn l-RDIF, is-sussidjarji tagħha, l-investimenti sinifikanti tagħha u kull min jipprovdi lil dawk l-entitajiet b'servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra. Investiment għandu jitqies bħala "sinifikanti" jekk jidher li jkun sostnut minn politika jew strateġija ekonomika governattiva jew jekk jikkonċerna settur li huwa rilevanti għall-manuvrabbiltà ġeopolitika fit-tul tar-Russja, b'mod partikolari l-finanzi u l-banek, it-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, id-difiża, il-manifattura industrijali, it-teknoloġija avvanzata, l-enerġija, jew il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt, tal-gass u tar-riżorsi minerali, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp relatati dwar il-proprjetà intellettwali. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid ukoll 4 entitajiet mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi, li fihom l-RDIF għamel investimenti sinifikanti, li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet.

(20) Sabiex tkompli tillimita l-attività ta' bastimenti li huma parti mill- "flotta mistura" ta' tankers taż-żejt jew li jikkontribwixxu għad-dħul tal-enerġija tar-Russja, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 iżżid ukoll 105 bastimenti mal-lista ta' bastimenti li tinsab fl-Anness XVI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK li huma pprojbiti mill-portijiet u l-imgħalaq tal-Istati Membri, kif ukoll milli jirċievu firxa wiesgħa ta' servizzi relatati mat-trasport marittimu.

(21) Is-settur bankarju u finanzjarju Russu huwa kruċjali għall-isforz tal-gwerra tar-Russja. Bl-għan li jiġi evitat l-iżvilupp ulterjuri tiegħu, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1495 timponi projbizzjoni fuq il-forniment ta' software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju.

(22) Jenħtieġ li l-Istati Membri, b'rispett dovut għall-obbligi internazzjonali applikabbli tagħhom, ma jirrikonoxxux jew jinfurzaw l-ebda inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivati minn

proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta ma' miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014. L-implimentazzjoni effettiva tal-klawżola ta' ebda pretensjoni jenħtieġ li titqies bħala l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ jew deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi. B'riżultat ta' dan, ir-rikonoxximent jew l-infurzar mill-Istati Membri ta' inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti li mhijiex qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivata minn proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat li jistgħu jwasslu għas-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jitqiesu bħala li jiksru l-politika pubblika tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dik id-dispożizzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Stat Membru li jipparteċipa u jiddefendi ruħu fi proċedimenti mibdija kontrih u li jitlob ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni li jagħtih ir-rimborż tal-ispejjeż.

(23) Filwaqt li l-issodisfar tat-talbiet b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa pprojbit fl-Unjoni, inkluż fi proċedimenti ta' soluzzjoni barra mill-qorti, hemm evidenza li tissuġġerixxi li persuni, entitajiet jew korpi Russi, jew persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu permezz ta' jew f'isem waħda minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi Russi, jew li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn tali persuni, entitajiet jew korpi, ifittxu jew jistgħu jfittxu li jibdew u jsegwu b'mod abbużiv proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-Unjoni b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament (UE) Nru 269/2014, jew ifittxu jew jistgħu jfittxu li jiksbu illegalment ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ mogħtija permezz ta' tali proċedimenti abbużivi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Huwa għalhekk meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jew l-Unjoni, fejn applikabbli, jkunu jistgħu jirkupraw fi proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru kwalunkwe dannu kkawżat, inklużi spejjeż legali u spejjeż imġarrba fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni ta' arbitraġġ mill-parti l-oħra, minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi u minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien jew jikkontrollaw lil dawk il-persuni, entitajiet jew korpi, bħala konsegwenza tas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, dment li jkunu eżerċiti r-rimedji legali kollha disponibbli fil-ġuriżdizzjoni rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirkupraw tali danni f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u r-regoli konswetudinarji tad-dritt internazzjonali.

(24) Meta l-Istati Membri jkunu kkonfrontati b'deċiżjonijiet ta' arbitraġġ mogħtija kontrihom fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014, jenħtieġ li huma jinvokaw kwalunkwe oġġezzjoni disponibbli għalihom fi proċedimenti domestiċi jew barranin għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' tali deċiżjonijiet. Dan jinkludi li titqajjem l-oġġezzjoni li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni jkunu kontra l-ordni pubbliku tal-pajjiż fejn jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin tal-1958.

(25) L-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-*forum necessitatis* għandha tiġi estiża għall-Artikolu 11e.

(26) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(27) Fir-rigward tal-proġett Paks II, il-projbizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li ma japplikawx għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 12h tiegħu. Il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet fl-Artikolu 5h tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 relatata mal-entitajiet elenkati fl-Anness XIV tiegħu jenħtieġ li tkun waħda mill-projbizzjonijiet li huma koperti minn dik id-dispożizzjoni.

(28) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(zg) 'pajjiż sieħeb għall-importazzjoni ta' prodotti petrolifiċi' tfisser pajjiż li japplika sett ta' miżuri restrittivi fuq l-importazzjonijiet taż-żejt grezz u ta' prodotti petrolifiċi sostanzjalment ekwivalenti għal dawk previsti fl-Artikolu 3m, kif stipulat fl-Anness LI;";

(2) l-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1aa. Mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni indiretta fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/821, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja, jew l-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà, kif elenkat fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament, lejn kwalunkwe pajjiż terz għajr ir-Russja, jekk l-esportatur ikun ġie infurmat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur ikun residenti jew stabbilit, li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1aa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċedu f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.";

(3) l-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3ah. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIE, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sad-21 ta' Ottubru 2025 ta' kuntratti konklużi qabel it-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3ai. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIF, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sad-21 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel it-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti";

(b) fil-paragrafu 5a, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7615 10, il-kodiċi NM 8414 60 u l-kodiċi NM 8422 30;

(f) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3916 20 meta strettament meħtieġ għall-bejgħ ta' pavimentar tal-PVC.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"5g. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8422 30, jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-imballaġġ tal-ikel, ta' xorb u ta' prodotti farmaċewtiċi.

5i. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3402 90, jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawn l-oġġetti jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Jannar 2025 sal-1 ta' Jannar 2028 jew sad-data ta' skadenza tagħhom, skont liema tiġi l-ewwel.";

(4) fl-Artikolu 3m, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3b. L-eżenzjoni fil-paragrafu 3, il-punt (d), għandha tieqaf tapplika għaċ-Ċekja mill-1 ta' Lulju 2025.";

(5) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3ma*

1. Għandu jkun ipprojbit, mid-21 ta' Jannar 2026, ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament fl-Unjoni, ta' prodotti petrolifiċi li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 miksuba f'pajjiż terz minn żejt grezz li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00 li joriġinaw mir-Russja.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza tal-pajjiż tal-oriġini taż-żejt grezz użat għar-raffinar tal-prodott f'pajjiż terz sakemm il-prodott ma jkunx importat minn pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness LI.

Il-prodotti petrolifiċi importati minn pajjiżi terzi li kienu esportaturi netti ta' żejt grezz fis-sena kalendarja preċedenti għandhom jitqiesu li nkisbu minn żejt grezz domestiku u mhux minn żejt grezz li joriġina mir-Russja, sakemm awtorità kompetenti ma jkollhiex raġunijiet raġonevoli biex temmen li dawn inkisbu miż-żejt grezz Russu.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.";

(6) L-Artikolu 3n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw, għal perjodu ta' 90 jum, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness XXVIII, għat-trasport tal-prodotti elenkati fl-Anness XXV li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, u għall-forniment, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport, dment li:

(a) it-trasport jew il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport ikunu bbażati fuq kuntratt konkluż qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness XXVIII; u

(b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma jaqbiżx il-prezz, kif stabbilit fl-Anness XXVIII, li kien applikabbli fid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.";

(b) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum Russu abbażi tal-valutazzjonijiet tal-prezzijiet ipprovduti mill-aġenziji ta' rappurtar awtorizzati. Abbażi ta' dik id-data, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-prezz medju tas-suq taż-żejt mhux maħdum Russu fuq perjodu ta' 22 ġimgħa li jibda mill-15 ta' Lulju 2025 u għal perjodu ekwivalenti ta' 22 ġimgħa kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem.

Sabiex jibqa' effettiv fil-kisba tal-objettivi tiegħu, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul miż-żejt għar-Russja, il-limitu massimu tal-prezz għandu jiġi stabbilit f'livell ugwali għal dak il-prezz medju tas-suq għaż-żejt mhux maħdum Russu nieqes 15 %. Jekk il-prezz ikkalkulat ġdid ivarja b'5 % jew inqas mil-limitu massimu tal-prezz applikabbli, il-limitu massimu tal-prezz ma għandux jiġi emendat.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż ta' dak il-prezz medju tas-suq u temenda l-Anness XXVIII f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u mal-Artikolu 7a fil-15 ta' Jannar 2026 u kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem.

Il-limitu massimu emendat tal-prezz għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara x-xahar tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

Sal-15 ta' April 2026, u kull sitt xhur wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz, inkluż l-Anness XXVIII kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, abbażi ta', fost l-oħrajn, koordinazzjoni mal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Hija għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kunsill u tipproponi emendi kif xieraq.

Dik il-valutazzjoni tista' titwettaq f'mument aktar bikri fejn debitament ġustifikat mill-iżviluppi fis-suq taż-żejt, iċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi, jew kunsiderazzjonijiet rilevanti oħra.

Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-iskema tal-limitu massimu tal-prezz, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Hija għandha twieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz, inkluż l-Anness XXVIII kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu rieżaminati mill-Kunsill.";

(7) fl-Artikolu 3u jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li ma tkunx konnessa direttament mas-sistema interkonnessa ta' gass naturali ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor u li tkun irċeviet l-ewwel provvista kummerċjali tal-ewwel kuntratt ta' provvista tal-gass naturali fit-tul tagħha wara it-20 ta' Lulju 2025 tista' tawtorizza x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' gass naturali likwifikat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, li joriġina mir-Russja jew esportat mir-Russja, wara li tkun iddeterminat li x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment jintuża biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tagħha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(8) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (*)(il-'Lista Militari Komuni'), kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) il-provvista, direttament jew indirettament ta':

(i) assistenza teknika u servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-attivitajiet militari jew mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni, jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(ii) finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-attivitajiet militari jew mal-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni, jew il-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(c) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport, direttament jew indirettament, tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni fl-Unjoni jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport relatat ma':

(i) il-forniment ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' mezzi eżistenti fl-Unjoni; jew

(ii) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti; jew

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta', jew l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra għal, partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni, it-tiswija u s-sikurezza tal-kapaċitajiet eżistenti fl-Unjoni.

2a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, jew l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, u għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport tal-idrażina (CAS 302–01–2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 % jew aktar, dment li l-ammont ta' idrażin jiġi kkalkulat skont l-illanċjar jew l-illanċjar jew is-satelliti li għalihom isir, u li ma jaqbiżx kwantità totali ta' 800 kg għal kull illanċjar jew satellita individwali;

(b) l-importazzjoni, l-akkwist jew it-trasport tad-dimetilidrażina asimmetrika (CAS 57-14-7);

(c) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni u l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport tal-monometil idrażin (CAS60-34-4), dment li l-ammont ta' monometil idrażin jiġi kkalkulat skont l-illanċjar jew l-illanċjar jew is-satelliti li għalihom isir,

sa fejn is-sustanzi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) huma destinati għall-użu ta' lanċaturi operati minn fornituri Ewropej ta' servizzi ta' llanċjar, għall-użu ta' llanċjar ta' programmi spazjali Ewropej, jew għar-riforniment ta' satelliti minn manifatturi Ewropej tas-satelliti.

2aa. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, jew il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, u l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport tal-idrażina (CAS 302–01–2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 % jew aktar destinati għal:

(a) it-testijiet u t-titjir tal-ExoMars descent module fil-qafas tal-missjoni ExoMars 2020, f'ammont ikkalkulat skont il-ħtiġijiet ta' kull fażi ta' dik il-missjoni, li ma jaqbiżx total ta' 5 000 kg għad-durata sħiħa tal-missjoni; jew

(b) it-titjir tal-ExoMars Carrier Module fil-qafas tal-missjoni ExoMars 2020, f'ammont ikkalkulat skont il-ħtiġijiet tat-titjir, li ma jaqbiżx total ta' 300 kg.

2b. L-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2a u 2aa għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti.

L-applikanti għall-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa kollha lill-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-awtorizzazzjonijiet kollha li jingħataw.

3. Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata:

(a) il-bejgħ, il-forniment, ut-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness II, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jekk tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jikkonċernaw oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor;

(b) il-fprovvista ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati ma' oġġetti elenkati fl-Anness II u mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jekk tali assistenza tikkonċerna oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor;

(c) il-provvista ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fl-Anness II għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti, jew għal kwalunkwe provvista ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha jew, jekk tali assistenza tirrigwarda oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 3(5), il-provvista tas-servizzi msemmija f'dan il-paragrafu tista' tipproċedi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol tal-provvista tas-servizzi.

4. Fejn l-awtorizzazzjonijiet huma mitluba skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, u b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 5 tiegħu, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(*) L-aħħar verżjoni ppubblikata fil-ĠU C, C/2025/1499, 6.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1499/oj.";

(9) fl-Artikolu 5aa, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2f. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fir-rigward ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni u li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) jew (b), dment li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti jkunu imponew miżura ta' kurazija pubblika jew ta' firewall pubbliku simili fuq tali entità, jew;

(b) miżura simili ta' firewall hija awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu żgurati l-funzjonament kontinwu u l-konformità tagħhom mal-miżuri restrittivi.";

(10) fl-Artikolu 5ac, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mir-Russja kif elenkati fl-Anness XLIV.

L-Anness XLIV għandu jinkludi l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi stabbiliti barra mir-Russja li jużaw l-SPFS tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja jew mill-Istat Russu.";

(11) l-Artikolu 5ad huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5ad*

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li:

(a) hija istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi li qed tfixkel b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 269/2014, kif elenkat fil-Parti A tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament;

(b) hija istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi li tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż billi tipproċessa tranżazzjonijiet jew tipprovdi finanzjament għall-esportazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali li jfixklu l-iskop ta' dan ir-Regolament, kif elenkat fil-Parti B tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament;

(c) ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi u tkun qed tfixkel b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3m, 3n u 3s ta' dan ir-Regolament, kif elenkat fil-Parti C tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għall-esportazzjoni, ix-xiri, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li l-esportazzjoni, ix-xiri, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom lejn ir-Russja huma permessi skont dan ir-Regolament;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 269/2014; jew

(c) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet.";

(12) fl-Artikolu 5ae(3), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) għal tranżazzjonijiet għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' faħam li jaqa' taħt il-kodiċi CN 2701 fejn joriġina f'pajjiż terz u jkun biss qed jitgħabba fir-Russja, jitlaq minnha jew jgħaddi minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dak l-oġġett ma jkunux Russi.";

(13) fl-Artikolu 5ae(4), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili.";

(14) l-artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"*Artikolu 5af*

1. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jidħol, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2, fir-rigward tat-tlestija, it-tħaddim, il-manutenzjoni jew l-użu tal-pipelines. Barra minn hekk, għandu jkun ipprojbit li wieħed jidħol, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni b'rabta mal-finanzjament li jikkonċerna t-tlestija, it-tħaddim jew l-użu tal-pipelines.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li jkunu strettament neċessarji għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent jew bħala reazzjoni għal diżastru naturali.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa:

(a) għall-istralċ jew ir-ristrutturar ta' persuna ġuridika, entità jew korp b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2 fejn dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2 ma jintużawx;

(b) biex jintalab kumpens, irkupri jew kwalunkwe mezz ieħor, minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2;

(c) biex isiru u jiġu riċevuti pagamenti jew irkupri li jkunu dovuti jew li jsiru dovuti skont jew b'rabta ma' ordnijiet tal-qorti, finanzjamenti, assigurazzjoni, warrants jew kwalunkwe kuntratt jew ftehim ieħor b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2 li jkunu saru qabel it-20 ta' Lulju 2025;

(d) għal soluzzjoni, jew proċedimenti legali jew ta' arbitraġġ b'rabta mal-pipelines tal-gass naturali Nord Stream u Nord Stream 2;

(e) għal servizzi regolari ta' manutenzjoni li huma strettament meħtieġa biex jiġu evitati riskji ambjentali u ta' sikurezza jew impatt negattiv fuq is-settur tas-sajd.

Qabel ma joħorġu tali awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'abbozz tagħha. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi l-abbozz, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni lill-awtoritajiet kompetenti li tipprovdi li t-tranżazzjoni prevista tkun ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill b'tali opinjoni.

4. L-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma inkorporati jew li skont il-liġi tiegħu huma kostitwiti bi kwalunkwe tranżazzjoni konkluża skont il-paragrafu 2 fi żmien ġimgħatejn mill-konklużjoni tagħha. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni li jirċievi skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċeviha.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 5ag

1. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jidħol direttament jew indirettament fi kwalunkwe tranżazzjoni ma':

(a) il-Fond Russu tal-Investiment Dirett;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati mill-Fond Russu tal-Investiment Dirett;

(c) persuna ġuridika, entità, jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li fih entità msemmija fil-punt (a) jew (b) tkun għamlet, direttament jew indirettament, investiment sinifikanti, kif elenkat fl-Anness XLIX ta' dan ir-Regolament;

(d) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li jipprovdi servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra lil entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c), kif elenkat fl-Anness L ta' dan ir-Regolament;

(e) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a), (b), (c) jew (d).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi u mediċi li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi skont dan ir-Regolament;

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw sal-31 ta' Diċembru 2026, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment u l-irtirar mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 2 jew 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(15) l-Artikolu 5h huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XIV jew ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XIV.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet:

(a) meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(b) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tar-Russja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022.

1b. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.

1c. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ma' Bank Zenit, kif elenkat fl-Anness XIV, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-eżekuzzjoni ta' tali tranżazzjonijiet hija meħtieġa għal:

(a) il-pagament ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 3402 90;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Jannar 2025 sal-1 ta' Jannar 2028 jew sad-data ta' skadenza tagħhom, skont liema tiġi l-ewwel.";

(16) l-Artikolu 5n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2b. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti, direttament jew indirettament, ta' software għall-ġestjoni tal-intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali u software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju kif elenkat fl-Anness XXXIX lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"10a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2b ma' għandhiex tapplika għall-forniment ta' software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju kif elenkat fl-Anness XXXIX li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni sat-30 ta' Settembru 2025 ta' kuntratti konklużi qabel it-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(17) L-Artikolu 7a huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-Anness XXVIII f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3n(11) biex jiġi aġġornat il-prezz għaż-żejt mhux maħdum;";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) l-Anness XXVIII, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/512/PESK, biex jiġu aġġornati l-prezzijiet għall-prodotti tal-petroleum miftiehma mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet; u";

(18) fl-Artikolu 11, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. L-ebda inġunzjoni, ordni, ħelsien, sentenza ta' qorti ġudizzjarja għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivata minn proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat kontra Stat Membru li jistgħu jwasslu għas-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni b'rabta ma' miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 ma għandhom jiġu rikonoxxuti, mogħtija effett jew infurzati fi Stat Membru jekk jiġu invokati minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), (b) jew (c), ta' dan l-Artikolu, jew persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien jew jikkontrollaw lil dawk il-persuni, entitajiet jew korpi.

2b. L-ebda talba għal assistenza matul investigazzjoni jew proċedimenti oħra, u l-ebda piena jew penali oħra bbażata fuq inġunzjoni, ordni, ħelsien, sentenza ta' qorti għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivata minn proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat kontra Stat Membru b'rabta ma' miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 ma għandha tiġi rikonoxxuta, mogħtija effett jew infurzata fi Stat Membru jekk tiġi invokata minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), (b) jew (c), ta' dan l-Artikolu, jew minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni, entitajiet jew korpi jew jikkontrollawhom.";

(19) l-Artikolu 11d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11d*

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, qorti ta' Stat Membru tista', fuq bażi eċċezzjonali, tisma' talba għad-danni mressqa skont l-Artikolu 11a, l-Artikolu 11b jew l-Artikolu 11e, dment li l-każ ikollu konnessjoni suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.";

(20) l-artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"*Artikolu 11e*

Kwalunkwe Stat Membru għandu, fejn applikabbli, jieħu miżuri xierqabiex jirkupra jew ikun intitolat li jirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe dannu dirett jew indirett, inklużi spejjeż legali, imġarrba minn dak l-Istat Membru bħala konsegwenza tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat kontra Stat Membru b'rabta ma' miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014. L-Istat Membru għandu, fejn applikabbli, ikun intitolat li jirkupra tali danni minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), (b) jew (c), ta' dan ir-Regolament, li bdew, intervjenew jew ipparteċipaw fis-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat jew li jfittxu li jinfurzaw kwalunkwe għotja, deċiżjoni jew sentenza relatata mas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat u persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien jew jikkontrollaw kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi.

Fejn applikabbli, l-Unjoni għandha tkun intitolata li tirkupra kwalunkwe dannu mġarrab minnha taħt l-istess kondizzjonijiet.

Artikolu 11f

L-Istati Membri għandhom iqajmu kwalunkwe oġġezzjoni disponibbli għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li ngħataw kontrihom fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014.";

(21) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(22) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(23) l-Anness XIV huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(24) l-Anness XXIII huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(25) l-Anness XXIIIE huwa miżjud f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(26) l-Anness XXIIIF huwa miżjud f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(27) l-Anness XXVIII huwa emendat f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(28) l-Anness XXXVII huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(29) l-Anness XLII huwa emendat f'konformità mal-Anness IX ta' dan ir-Regolament;

(30) l-Anness XLV huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness X ta' dan ir-Regolament;

(31) l-Anness XLIX jiżdied f'konformità mal-Anness XI ta' dan ir-Regolament;

(32) l-Anness L huwa miżjud f'konformità mal-Anness XII ta' dan ir-Regolament;

(33) l-Anness LI huwa miżjud f'konformità mal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

(34) l-Anness XXXIX huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-18 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNESS I

Fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdiedu l-entitajiet li ġejjin:

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
"791.	OOO TSK Vektor Magħruf ukoll bħala: LLC TSK VEKTOR Isem lokali: ООО ТСК ВЕКТОР	Indirizz(i): 664048, Sevastopolskaya ulitsa d. 235, kv. 70, Irkutsk, Irkutskaya oblast, Russian Federation Telefown: +7 395 2350041; +7 902 5161813 Numru ta' reġistrazzjoni: 3849055365 (INN)	20.7.2025
792.	P-D TATNEFT – ALABUGA STEKLOVOLOKNO LLC Isem lokali: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'П-Д ТАТНЕФТЬ - АЛАБУГА СТЕКЛОВОЛОКНО'	Indirizz(i): 423600, Republic of Tatarstan, Yelabuga district, Alabuga SEZ territory, Sh-2 street, building 11/1, Russian Federation Telefown: +7 855 5759094 Sit web: www.alabuga.tatneft.ru Indirizz elettroniku: office@pdt-steklovolokno.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 1646022610 (INN)	20.7.2025
793.	NPF Technologies of progress Magħruf ukoll bħala: NPF Tekhnologii Progressa Isem lokali: ООО НПФ ТЕХНОЛОГИИ ПРОГРЕССА	Indirizz(i): 192236, Sofiyskaya street 8, bldg. 1, lit. BD, 10-H, Office 3.13A, St. Petersburg, Russian Federation Telefown: 18.7.20257 812 3634377 Sit web: www.npf-tp.ru Indirizzi elettroniċi: carbon@carbonstudio.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 7840074988 (INN)	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
794.	Kalinka Tianjin International Trade Co., Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Karinka (Tianjin) International Trade Co., Ltd. Isem lokali: 卡林卡（天津）国际贸易有限公司	Indirizz(i): 2-4-101, Yuemengyuan, Jiangdu Road, 300140 Hebei District, Tianjin, People's Republic of China Indirizz elettroniku: 1021526248@qq.com Numru ta' reġistrazzjoni: 91120105MA06Q77Y68	20.7.2025
795.	Arcos Harbin Supply Chain Management Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Alcos (Harbin) Supply Chain Management Co., Ltd; Al Kos (Harbin) Supply Chain Manage Co., Ltd. Isem lokali: 阿尔科斯（哈尔滨）供应链管理有限公司	Indirizz(i): Nangang District, Jingkai District, Harbin, Room 106, No. 368, Changjiang Road, People's Republic of China Sit web: https://chbay.net/ru Indirizz elettroniku: guanxin@chbay.net Numru ta' reġistrazzjoni: 91230199MAC7UBMB9E	20.7.2025
796.	MKPL Technology HK Co. Ltd. Magħruf ukoll bħala: Mako Pineapple Technology (Hong Kong) Limited; Maco Pineapple Technology (Hong Kong) Co., Ltd Isem lokali: 碼可菠蘿科技(香港)有限公司	Indirizz(i): Rm 1302 13/F Cheong K. Building 84-86, Des Voeux Road Central Hongkong, People's Republic of China Telefown: +86 185 0160 3147 Sit web: https://mkplhk.com/ Indirizz elettroniku: sales@mkplhk.com; info@mkplhk.com Numru ta' reġistrazzjoni: 72201626 (BRN); 2974922 (CR. No.)	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
797.	TEST PARTNER LLC Isem lokali: ООО Тест Партнер	Indirizz(i): 620026, Yekaterinburg, Sverdlovskaya oblast, Belinsky street 83, office 1714, Russian Federation; 125476, Moscow, Vasily Petushkova street 8, Russian Federation Telefown: +7 343 288 5154; +7 495 215 2837 Indirizz elettroniku: info@testpartner.ru Sit web: http://testpartner.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 6658463986 (INN)	20.7.2025
798.	APGROUP-SMT Group of Companies LLC Magħruf ukoll bħala: Carbon Studio Isem lokali: ООО ГК АПГРУПП-СМТ	Indirizz(i): 192236, Saint Petersburg, Sofiyskaya street 8, Russian Federation Telefown: +7 812 3634377; +7 800 7072367 Indirizz elettroniku: carbon@carbonstudio.ru; info@apgroup.pro Sit web: www.apgroup-tech.ru; www.carbonstudio.ru; www.tech.carbonstudio.ru Registration number: 7816693056 (INN)	20.7.2025
799.	CHIP SPACE ELECTRONICS CO. LTD Isem lokali: 芯時空電子有限公司	Indirizz(i): Unit No. A222, 3F, Hang Fung Industrial Building, Phase 2, No. 2G Hok Yuen Street, Hunghom, Kowloon, Hong Kong Telefown: + 852 3075 6680 Indirizz elettroniku: sales@chipspace-elec.com Sit web: https://www.chipspace-elec.com/ Numru ta' reġistrazzjoni: 74623200 (BRN); 3210227 (CR No.)	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
800.	Uniservice LLC Isem lokali: ООО ЮНИСЕРВИС	Indirizz(i): 195220, St. Petersburg, Obruchevykh st. 1, lit. A, ind. 2-H, office. 150, Russian Federation Sit web: https://uniservicellc.ru/index.html Numru ta' reġistrazzjoni: 7804700100 (INN)	20.7.2025
801.	Luchengtech Co Ltd Magħruf ukoll bħala: Beijing Lucheng Weiye Technology Development Co., Ltd Isem lokali: 北京鲁成伟业科技发展有限公司	Indirizz(i): Room 601, Building 1, Zhu Brothers Building, No. 5 Liye Road, Changping District, Beijing, People's Republic of China Telefown: + 86 62917956; +86 166 2020 5868 Indirizz elettroniku: sales-c@luchengtech.com Sit web: https://www.luchengtech.com/ Numru ta' reġistrazzjoni: 91110114783965860W	20.7.2025
802.	Xinghua Co Ltd Magħruf ukoll bħala: Beijing Xinghua Hengcheng Technology Co., Ltd; Beijing Xinghua Hengcheng Technology Development Co., Ltd Xinghuatech Co. Ltd; Xingtech Co., ltd; Xingtac Isem lokali: 北京兴华恒成科技有限公司	Indirizz(i): Room 602, Building 1, Zhu Brothers Building, No. 5 Liye Road, Changping District, Beijing, People's Republic of China; Causeway Bay, Radio City, Hennessy Road, 505, Hong Kong; Flat / RM A 12/F ZJ 300, Lockhart road, Wan Chai, Hong Kong Telefown: + 86 82894256; +86 400 688 5199; +86 159 0118 1049 Sit web: www.xingtac89.com Numru ta' reġistrazzjoni: 911101145732045106	20.7.2025
803.	CUVEE Importers Limited	Indirizz(i): Unit 1207B, 12/F, Wah Lai Industrial Centre, 10-14 Kwei Tei Street, Fotan, NT, Hong Kong Numru ta' reġistrazzjoni: 60699645 (BRN); 1834044 (CR No.)	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
804.	Sistemotekhnika LLC Magħrufa wkoll bħala: Systemtechnik Power Solutions Isem lokali: ООО Системотехника	Indirizz(i): 125239, Moscow, Koptevskaya str. 73, building 1, floor 1, room 1, Russian Federation Telefown: +7 495 2550339; +7 495 1352917 Sit web: https://sstmk.ru; https://all-generators.ru/ Indirizz elettroniku: info@sstmk.ru; box@all-generators.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 7743857750	20.7.2025
805.	Unmanned Solutions Center Ltd. Magħruf ukoll bħala: USC Ltd; Complex Unmanned Solutions Center Ltd Isem lokali: ООО ЦЕНТР КОМПЛЕКСНЫХ БЕСПИЛОТНЫХ РЕШЕНИЙ; ООО 'ЦКБР'	Indirizz(i): 24/1 Luch Str., 2nd floor, app. 112, Zhukovsky, Moscow Oblast, 140184, Russian Federation Sit web: https://cus.center/ Indirizz elettroniku: kuzyakin@gmail.com Numru ta' reġistrazzjoni: 5040176793 (Tax ID/INN)	20.7.2025
806.	POLIMERPROMTORG LLC Isem lokali: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ПОЛИМЕРПРОМТОРГ'	Indirizz(i): 420140, Republic of Tatarstan, Kazan, Yuliusa Fuchika street, D. 90 A, office 820, Russian Federation Telefown: + 7 (843) 2060242 Sit web: https://ppt16.ru Indirizz elettroniku: ppt@ppt16.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 1661046655 (Tax ID/INN)	20.7.2025

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1494/oj

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
807.	BOSFORLAB DIS TICARET LTD Magħruf ukoll bħala: BOSFORLAB	Indirizz(i): İnönü Mahallesi 19 Mayıs Caddesi Serhat Apartmanı No:106 Daire: 5 ATAŞEHİR Istanbul, Republic of Türkiye Telefown: + 90 (0216) 575 33 71 Sit web: https://bosforlab.com/ Indirizz elettroniku: info@bosforlab.com Numru ta' reġistrazzjoni: 396399- 5	20.7.2025
808.	BASHTRADEHOUSE IC VE DIS TICARET LTD	Indirizz(i): Mustafa Akyol sok. 13 MVK Business No:211 Yenişehir mah. Pendik, 34912, İstanbul, Republic of Türkiye Sit web: https://bashtradehouse.com/en/ Indirizz elettroniku: contact@bashtradehouse.com Numru ta' reġistrazzjoni: 382301-5	20.7.2025
809.	FS DIS TICARET A. S. Magħrufa wkoll bħala: FS Foreign Trade Isem lokali: FS Dış Ticaret A.Ş	Indirizz(i): Buyaka 2 Sitesi 3 D:54, Poligon Caddesi No:8C, Fatih Sultan Mehmet Mahallesi, 34771 Ümraniye, İstanbul, Republic of Türkiye Telefown: + 90 216 504 31 55 Sit web: https://www.fsforeigntrade.com Indirizz elettroniku: info@fsforeigntrade.com Numru ta' reġistrazzjoni: 3881489178	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
810.	ILMOR KIMYA VE TEKSTIL SANAYI VE TIC. LTD	Indirizz(i): Seba office D:61, Mimar Sinan Sokak NO:21D, Ayazaga Mahallesi, 34485 Sariyer, Republic of Türkiye Telefown: +90 212 2884224 Sit web: https://ilmor.com.tr/ Indirizz elettroniku: ilmor@ilmor.com.tr Numru ta' reġistrazzjoni: 4730791281	20.7.2025
811.	KHIMINTEKHNO LLC Isem lokali: ООО ХИМИНТЕХНО	Indirizz(i): 108851, Moscow, Shcherbinka, Simferopolskoye highway, 16, Russian Federation Telefown: + 7 (499) 286-85-52 Sit web: http://himtechno.ru/ Indirizz elettroniku: corp@himtechno.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 7751222426 (Tax ID/INN)	20.7.2025
812.	POLIKHIM MOSKVA LLC Isem lokali: ООО ПОЛИХИМ МОСКВА	Indirizz(i): 17B Butlerova St., room 58/11/2, 117342, Moscow, Konkovo Municipal district, Russian Federation Sit web: http://polihem.ru/ Indirizz elettroniku: mail@polihem.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 9728064503 (Tax ID/INN)	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
813.	Atoma Ltd Isem lokali: ООО АТОМА; ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'АТОМА'	Indirizz(i): 198095, St Petersburg, st. Kalinina 13, room 620, 33-N Building A, Russian Federation Telefown: +7 812 4412331 Sit web: https://atoma.spb.ru/ Indirizz elettroniku: info@atoma.spb.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 7807352250	20.7.2025
814.	MT-SYSTEM LLC Magħrufa wkoll bħala: LLC SYSTEM-L Isem lokali: МТ-СИСТЕМС; ООО СИСТЕМА-Л	Indirizz(i): 198095, St Petersburg, st. Kalinina 13, office 402, Building A, Russian Federation Telefown: + 7 (812) 325 36 85 Sit web: www.mt-system.ru Indirizz elettroniku: info@mt-systems.ru; info@my-systems.ru	20.7.2025
815.	NPK AEROKON Magħrufa wkoll bħala: AEROCON JSC, AEROKON LLC Isem lokali: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'АЭРОКОН'	Indirizz(i): 422700, Republic of Tatarstan, Vysokogorsky district, Chernyshevka village, Centralnaya street, 18, office 1, Russian Federation Telefown: +8 917 934 34 12 Sit web: http://aerokon.su/ Indirizz elettroniku: office@aerokon.su; aerokon.kzn@gmail.com Numru ta' reġistrazzjoni: 1683010356	20.7.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
816.	Prist JSC Magħrufa wkoll bħala: Pribory, Service, Torgovlya Isem lokali: АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'ПРИБОРЫ, СЕРВИС, ТОРГОВЛЯ'	Indirizz(i): 111141, St. Plekhanova, 15A, Moscow, Russian Federation; St. Tshvetotchnaya, b. 18 lit. B Business-Park 'Tshvetotchnaya 18', St. Petersburg; st. Tsvillinga, 58, office 1, Ekaterinburg Telefown: + 7 (495) 7775591; + 8 (812) 6777508; + 8 (343) 3173999 Sit web: https://prist.ru/en/about/ Indirizz elettroniku: prist@prist.ru Numru ta' reġistrazzjoni: 7721212396	20.7.2025".

ANNESS II

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"X.C.VIII.005 Sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti kif ġej:

a. Diisoċjanat tat-toluwen, fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 584-84-9, 91-08-7, 26471-62-5, 9002-68-2, 26628-22-8);

b. Diisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (CAS 101-68-8);

c. Diisoċjanat tal-isoforon (CAS 4098-71-9);

d. Ksilidina fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 87-59-2, 95-68-1, 95-78-3, 87-62-7, 95-63-6 jew 108-69-0);

e. Polieteru Terminat Idrossiku (HTPE);

f. Hydroxy Terminated Caprolactone Ether (HTCE).

Nota Teknika:

Dan il-prodott jirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta' waħda mill-kimiki msemmija hawn fuq.";

(b) Fil-Parti B, it-tabella 5, "Makkinarju għodda, tagħmir għall-manifattura addittiva, u elementi relatati" hija sostitwita b'li ġej:

"5. Makkinarju għodda, tagħmir għall-manifattura addittiva, u elementi relatati

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8205 59 80	Għodda tal-idejn, inkluż diamanti tal-vitrara, esklużi għodod tad-dar, u għodod għall-bennejja, mudellaturi, ħaddiema tas-siment, kaħħala u bajjada
8456 11	Makkinarju għodda għax-xogħol fuq kull materjal bit-tneħħija ta' materjal, imħaddem bil-laser
8456 30	Imħaddmin bi proċessi ta' skarg elettriku
8456 50	Magni tal-qtugħ b'ġettijiet ta' ilma
8457 10	Ċentri tax-xogħol bil-magni għall-ħidma tal-metall
8458 11	Tornijiet orizzontali, inklużi ċentri li jduru, għat-tneħħija tal-metall, ikkontrollati numerikament
8458 91	Tornijiet oħrajn, ikkontrollati elettronikament
8459 61	Magni tal-immolar bla ċentru, ikkontrollati numerikament
8466 10	Holders tal-għodda, għal kwalunkwe tip ta' għodda tal-idejn u makkinarju għodda; dieheads li jinfetħu waħedhom; irjus ta' forom (dieheads) jinfetħu waħedhom
8466 93	Parts u aċċessorji tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-apparat ta' intestaturi 8456 sa 8461, mhux speċifikati banda oħra.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8485 20	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-plastik jew tal-lasktu
8485 30	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-ġibs, tas-siment, taċ-ċeramika jew tal-ħġieġ
8485 90	Partijiet ta' magni għall-manifattura addittiva".

ANNESS III

Fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdiedu l-entitajiet li ġejjin:

Isem tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp	Data tal-applikazzjoni
"T-bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank Saint Petersburg	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank Centrocredit	Is-9 ta' Awwissu 2025
Yandex bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Surgutneftegazbank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Metcombank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Severgazbank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Genbank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bystrobank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Energotransbank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Tatsotsbank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank Zenit	Is-9 ta' Awwissu 2025
Transstroybank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank FINAM	Is-9 ta' Awwissu 2025
Ozon bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Ekspobank	Is-9 ta' Awwissu 2025
LOCKO Bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank DOM.RF	Is-9 ta' Awwissu 2025
SME Bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
LANTA Bank	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank131	Is-9 ta' Awwissu 2025
Bank RostFinance	Is-9 ta' Awwissu 2025".

ANNESS IV

L-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XXIII

Lista ta' oġġetti u teknoloġija kif imsemmi fl-Artikolu 3k

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0601	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, basal tuberużi, crowns u riżomi, inattivi, jarmu jew bil-ward; pjanti taċ-ċikwejra u għeruq għajr dawk l-għeruq tal-intestatura 1212
0602 30	Rododendri u ażalej, imlaqqmin jew le
0602 40	Ward, imlaqqmin jew le
0602 90	Pjanti oħrajn ħajjin (inkluż l-għeruq tagħhom), biċċiet u żabriet; żergħa bajda tal-fungi – Oħrajn
0604 20	Faxxina, friegħi u partijiet oħrajn tal-pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, ħażiż u likeni, li huma oġġetti adattati għall-bukketti jew għal finijiet ornamentali, friski, imnixxfin, miżbugħin, ibbliċjati, imprenjati jew ippreparati mod ieħor – Friski
2508	Tafal, andalusit, kyanite u sillimanit, kemm jekk magħmul ġir u kemm jekk le; mullite; materjali tal-art chamotte jew ta' dinas (għajr kawlina u tafal tal-kawlina ieħor, u tafal espandut)
2509	Ġibs
2512	Frakass fossili siliċuż (eż. kieselguhr, tripolit u diatomit) u materjali tal-art siliċużi simili, kemm jekk ikkalċinati u kemm jekk le, ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 1 jew anqas
2515	Irħam, travertina, ecaussine u ġebel tal-ġir ieħor għall-monumenti jew għall-bini ta' gravità speċifika fid-dieher ta' >= 2,5, u alabastru, kemm jekk żmarrati jew sempliċiment maqtugħin, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma kwadra jew rettangolari u kemm jekk le
2518	Dolomit, kemm jekk ikkalċinat jew sinterizzat u kemm jekk le, inkluż dolomit żmarrat jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluż kwadra)
2519	Karbonat ta' manjeżju naturali (manjesite); manjeżja mdewba; manjeżja maħruqa 'ssolidifikata bis-sħana', fiha jew ma fihiex kwantitajiet żgħar ta' ossidi oħra miżjuda qabel tkun issolidifikat bis-sħana; ossidu tal-manjeżju ieħor, pur jew le
2520	Ġipsum; anidrite; ġibs għall-kisi li jikkonsisti f'ġipsum ikkalċinat jew sulfat tal-kalċju, kemm jekk ikkulurit u kemm jekk le, bi kwantitajiet żgħar ta' aċċelleraturi jew ritardaturi jew mingħajrhom
2521	Fluss tal-ġebla tal-franka; fluss tal-ġebla tal-franka; ġebla tal-franka u ġebel tal-ġir ieħor, li jintuża fil-manifattura tal-ġir jew tas-siment
2522	Ġibs verġni, ġir imħallat bl-ilma u ġir idrawliku, għajr ossidu u idrossidu tal-kalċju tal-intestatura 2825
2525	Majka, maqsuma f'folji jew f'biċċiet jew le; skart ta' majka

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2526	Steatit naturali, kemm jekk żmarrat jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluż kwadra) u kemm jekk le; terra
2530	Sustanzi minerali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra
2602	Minerali u konċentrati tal-manganiż, inkluż minerali mhux maħduma u konċentrati tal-manganiż ferruġinuż, b'kontenut ta' manganiż ta' 20 % jew iktar, ikkalkulat fuq il-piż xott
2613	Minerali u konċentrati tal-molibdenu
2615	Minerali u konċentrati tan-nijobju, tantalu, vanadju jew żirkonju
2701	Faħam; briquettes, ovojdi u karburanti solidi simili manifatturati mill-faħam
2702	Linjite, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le, ħlief il-ġett
2703	Pit (inkluż skart tal pit), mgħaqqad jew le
2704	Kokk u semikokk tal-faħam, tal-linjite u tal-pit, kemm jekk agglomerat u kemm jekk le; karbonju tal-istorta
2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak kostitwenti mhux aromatiċi
2708	Żift u kokk taż-żift, miksub mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali ieħor
2710	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi (eskl. mhux raffinati); preparati li fihom >= 70 % bħala toqol ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut li huma l-kostitwenti bażiċi tal-preparati, mhux speċifikati xi mkien ieħor; żjut skartati li fihom prinċipalment petroleum jew minerali bituminużi
2712	Jelly tal-petroleum; xama' tal-paraffina, xema' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xema' tal-linjite, xema' tal-pit, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le
2715	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitum naturali, fuq il-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali - Oħrajn
2801	Fluworu, kloru, bromu u jodju
2802	Kubrit, sublimat jew preċipitat; kubrit kollojdali
2803	Karbonju (iswed tal-karbonju u forom oħra ta' karbonju mhux speċifikati jew inklużi banda oħra)
2804	Idroġenu, gassijiet rari u non-metalli oħrajn
2806	Klorur tal-idroġenu 'aċidu idrokloriku'; aċidu klorosulfuriku
2811	Aċidi inorganiċi oħrajn u komposti tal-ossiġenu inorganiċi oħrajn tan-nonmetalli

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2813	Sulfidi ta' nonmetalli; trisulfur tal-fosforu kummerċjali
2814	Ammonijaka, anidra jew f'soluzzjoni milwiema
2815	Idrossidu tas-sodju (soda kawstika), idrossidu tal-potassju (potassa kawstika); perossidi tas-sodju jew tal-potassju
2817	Ossidu taż-żingu; perossidu taż-żingu
2818 30	idrossidu tal-aluminju
2819	Ossidi u idrossidi tal-kromu
2820	Ossidi tal-manganiż
2821	Ossidi u idrossidi tal-ħadid; kuluri tal-art (earth colours) li fihom 70 % jew aktar tal-piż ħadid kombinat valutat bħala Fe_2O_3
2822	Ossidi u idrossidi tal-kobalt; ossidi tal-kobalt kummerċjali
2823	Ossidi tat-titanju
2825	Idrażin u idroksilamin u l-melħ inorganiku tagħhom; bażijiet inorganiċi, ossidi, idrossidi u perossidi tal-metall, mhux speċifikati band'oħra.
2827	Kloruri, ossidi tal-klorur u idrossidi tal-klorur; bromidi u ossidi tal-bromur; jodur u ossidi tal-jodur
2828	Ipokloriti; ipoklorit tal-kalċju kummerċjali; kloriti; ipobromiti
2829	Klorati u perklorati; bromati u perbromati; jodati u perjodi ta' żmien
2832 20	Sulfiti (minbarra s-sodju)
2833	Sulfati; alums; perossosulfati (persulfati)
2834	Nitriti; nitrati
2835	Fosforati (hypophosphites), fosfonati (fosfiti) u fosfati; polifosfati, definiti kimikament jew le
2836	Karbonati; perossokarbonati (perkarbonati); karbonat tal-ammonju kummerċjali li fih karbamat tal-ammonju
2839	Silikati; silikati tal-metall alkali kummerċjali
2840	Borati; Perossoborati (perborati)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2841	Imlieħ tal-aċidi ossometalliċi jew perossometalliċi
2843	Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiċi jew organiċi ta' metalli prezzjuzi, kimikament definiti jew le; amalgami ta' metalli prezzjużi
2846	Komposti, inorganiċi jew organiċi, tal-metalli tal-materjali tal-art rari, tal-ittriju jew tal-iskandju jew tat-taħlitiet ta' dawn il-metalli
2847	Perossidu tal-idroġenu, kemm jekk issolidifikat bl-urea u kemm jekk le
2901	Idrokarburi aċikliċi
2902	Idrokarburi ċikliċi
2903	Derivattivi aloġenati tal-idrokarburi
2904	Derivattivi tal-idrokarburi sulfonati, nitrati jew nitrosati, kemm jekk aloġenati u kemm jekk le
2905	Alkoħols aċikliċi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2906	Alkoħoli ċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2907	Fenoli; fenol-alkoħol
2909	Eteri, eter-alkoħoli, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi tal-alkoħol, perossidi tal-etere, perossidi tal-keton, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2910	Epossidi, epossialkoħols epossifenoli u epossieteri, b'ċirku bi tliet membri, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2911	Aċetali u emiaċetali, kemm jekk b'funzjoni ta' ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2912	Aldeidi, b'funzjoni oħra ta' ossiġenu jew le; polimeri ċikliċi ta' aldeidi; paraformaldeid
2914	Ketoni u kinoni, kemm jekk b'funzjoni ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2915	Aċti aċikliċi monokarboksiliċi saturati u l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u peroksi aċti; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2916	Aċti aċikliċi monokarboksiliċi saturati u l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u peroksi aċti; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2917	Aċidi polikarbossiliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2918	Aċidi karbossiliku b'funzjoni addizzjonali ossiġenu u l-anidridi, alidi, perossidi u perossiaċidi tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2920	Esteri ta' aċidi inorganiċi ta' non-metalli (ħlief esteri ta' alidi tal-idroġenu) u l-imluħa tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2921	Komposti b'funzjoni ta' nitril
2922	Komposti tal-ammino b'funzjoni ta' ossiġenu
2923	Imlieħ u idrossidi ta' ammonju kwaternarju; leċitini u fosfoamminolipidi oħrajn, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le
2924	Komposti b'funzjoni ta' nitril; komposti funzjoni-amide ta' aċtu karboniku
2925	Komposti b'funzjoni ta' karbossimmida (inkluż sakkarina u l-imlieħ tagħha) u komposti b'funzjoni ta' immina
2926	Komposti b'funzjoni ta' nitril
2929	Komposti b'funzjoni-nitroġenu oħra
2930	Komposti organiċi tal-kubrit
2933 29	Komposti eteroċikliċi b'etero-atom(i) tan-nitroġenu biss, li fihom imidażol b'ċirku mhux fuż, idroġenat jew le, fl-istruttura (eskluż l-idantojn u d-derivati tiegħu, u l-prodotti tas-subintestatura 3002 10)
2933 54	Derivattivi oħrajn tal-malonilureja (aċidu barbituriku); melħ tagħhom
2933 71	6-eżanlattam (epsilon-kaprolattam)
2933 79	Lattami (eskluż 6-eksanelattam 'epsilon-kaprolattam', klobażam (inn), metiprilon (inn), u komposti inorganiċi jew organiċi tal-merkurju)
2933 99	Komposti eteroċikliċi oħrajn b'etero-atomu/i tan-nitroġenu biss
2938	Glikosidi, naturali jew riprodotti b'sintesi, u l-imluħa tagħhom, l-eteri, esteri u derivati oħra
2940	Zokkrijiet, kimikament puri, għajr is-sukrożju, il-lattożju, il-maltożju, il-glukożju u l-fruttożju; eteri taz-zokkor, aċetali taz-zokkor u esteri taz-zokkor, u l-melħ tagħhom, ħlief prodotti ta' titlu 2937, 2938 jew 2939
3201	Estratti għall-ikkunzar ta' oriġini veġetali; tannini u l-melħ tagħhom, eteri, esteri u derivattivi oħrajn
3202	Sustanzi organiċi għall-ikkonzar; sustanzi inorganiċi għall-ikkunzar; preparazzjonijiet għall-ikkunzar, fihom jew le sustanzi naturali għall-ikkunzar; preparazzjonijiet enżimatiċi għat-trattament ta' qabel l-ikkunzar

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3203	Materja koloranti ta' oriġini veġetali jew tal-annimali, inklużi estratti taż-żebgħa (minbarra iswed tal-annimali), definiti kimikament jew le; preparati bbażati fuq il-materja koloranti ta' oriġini veġetali jew annimali li jintużaw għaż-żbigħ ta' drappijiet jew għall-produzzjoni ta' preparati koloranti (eskluż preparati tal-intestaturi 3207, 3208, 3209, 3210, 3213 u 3215) - Oħra
3204	Materjal taż-żbigħ organiku sintetiku, definit kimikament jew le; preparati kif speċifikati fin-nota 3 ta' dan il-kapitolu bbażati fuq materjal taż-żbigħ organiku sintetiku; prodotti organiċi sintetiċi ta' tip użati bħala aġenti li jdawlu fluworexxenti jew bħala luminofori, definiti kimikament jew le
3205	Lagi tal-kulur (għajr lacquer u żebgħa Ċiniżi jew Ġappuniżi); preparati bbażati fuq lagi tal-kulur li jintużaw għaż-żbigħ ta' drappijiet jew għall-produzzjoni ta' preparati koloranti (eskluż preparati tal-intestaturi 3207, 3208, 3209, 3210, 3213 u 3215)
3206	Sustanzi koloranti oħra; preparati kif speċifikati fin-nota 3 għal dan il-kapitolu, ħlief dawk tal-intestatura 3203, 3204 jew 3205; prodotti inorganiċi tat-tip użati bħala luminofori, kemm jekk definiti kimikament kif ukoll jekk le
3207	Pigmenti ppreparati, opaċifikaturi ppreparati u kuluri ppreparati, enamels u glejżijiet vitrifikabbli, engobes, lostri likwidi u preparati simili, li jintużaw fl-industrija taċ-ċeramika, tal-enamel jew tal-ħġieġ; frit tal-ħġieġ u ħġieġ ieħor fil-forma ta' trab, granuli jew qxur
3208	Żebgħat u verniċi, inkluż enamels u lacquers, ibbażati fuq polimeri sintetiċi jew il-polimeri naturali modifikati kimikament, dispersi jew dissolti f'medium mhux milwiem; soluzzjonijiet ta' prodotti tal-intestaturi 3901 sa 3913 f'solventi organiċi volatili, li fihom > 50 % solvent tal-piż (eskluż soluzzjonijiet ta' kollodju)
3209	Żebgħat u verniċi, inklużi enamels u verniċi, ibbażati fuq polimeri sintetiċi jew polimeri naturali modifikati kimikament, dispersi jew dissolti f'medium milwiem
3210	Żebgħa u verniċ oħrajn (inklużi enamel, laker u distemper); pigmenti ta' ilma ppreparati ta' tip użati biex tkun irfinata l-ġilda
3211	Nixxiefa ppreparati
3212 90	Pigmenti (inklużi trab u fjokki metalliċi) dispersi f'media mhux milwiema, fil-forma likwida jew ta' paste, li jintużaw fil-manifattura taż-żebgħat (inkluż enamels); fojls tal-istampar; żebgħat u materja koloranti oħra ppreżentati f'forom jew f'pakki għall-bejgħ bl-imnut - Oħrajn
3214	Stokk tal-ħġieġ, stokk tat-tilqim, simenti tar-reżina, komposti u gomom oħrajn għat-tqalfit; mili tal-bajjada; preparazzjonijiet tal-uċuh mhux refrattivi għall-faċċati, ħitan ta' ġewwa, soqfa jew simili għalihom
3215	Linka tal-istampar, linka għall-kitba jew għat-tpinġija u linek oħrajn, kemm jekk konċentrati jew solidi jew le
3302 90	Taħlitiet ta' sustanzi li jfuħu u taħlitiet, inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi, ibbażati fuq waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użat bħala materja prima fl-industrija (minbarra ta' tip użat fl-industriji tal-ikel jew tax-xorb)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3402	Aġenti tensjoattivi organiċi (għajr is-sapun); preparati b'wiċċ attiv, preparati għall-ħasil (inklużi preparati għall-ħasil awżiljari), preparati għat-tindif, kemm jekk fihom is-sapun u kemm jekk le, minbarra dawk tal-intestatura 3401
3403	Preparati għal-lubrikazzjoni inkluż preparati taż-żejt għall-qtugħ, preparati biex jerħu l-boltijiet u l-iskorfini, preparati kontra s-sadid jew kontra l-korrużjoni u preparati għall-qligħ mill-forom, ibbażati fuq lubrikanti; preparati tal-lubrikanti tat-tessuti u preparati li jintużaw għat-trattament biż-żejt jew bil-griż tal-materjali tessili, tal-ġilda, tal-ġlud tal-pelliċċerija jew materjali oħrajn (eskluż preparati li fihom, bħala kostitwenti bażiċi, >= 70 % skont il-piż ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut minn minerali bituminużi)
3404	Xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati
3405	Lostri u kremi, għaż-żraben, għamara, art, qafas ta' vetturi, ħġieġ jew metall, pasti u trabijiet għal għorik u preparazzjonijiet simili (kemm jekk f'forma ta' karti, tajjar, felt, ħjut mhux minsuġin, plastik ċellulari jew gomom ċellulari, mimlijin, miksijin jew mgħottijin b'dawn il-preparazzjonijiet), ħlief xemgħat ta' titlu 3404
3505 10	Destrini u lamti modifikati oħrajn
3506	Kolol ippreparati u sustanzi ppreparati oħrajn li jwaħħlu, li mhumiex speċifikati jew inklużi band' oħra; prodotti tajbin għall-użu bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut bħala kolol jew sustanzi li jwaħħlu, li ma jaqbżux il-piż ta' 1 kg
3507 90	Enżimi u enżimi ppreparati, li mhumiex speċifikati jew inklużi band' oħra (minbarra tames u konċentrati tiegħu)
3604	Ġiġġifogu, murtali tas-sinjali, rokits għax-xita, sinjali għaċ-ċpar u oġġetti oħrajn pirotekniċi
3605	Sulfarini, ħlief oġġetti pirotekniċi ta' titlu 3604
3606	Ferro-ċerju u ligi piroforiċi oħrajn fil-forom kollha; oġġetti ta' materjali kombustibbli kif speċifikat fin-nota 2 tal-Kapitolu 36
3701	Pjanċi fotografiċi u films ċatti, sensitizzati, mhux meħudin, ta' kwalunkwe materjal għajr karta, kartun jew tessuti; film għal stampar fil-pront ċatt, sensitizzat, mhux meħud, f'pakki jew le
3702	Film fotografiku f'rombli, sensitizzat, mhux meħud, ta' kwalunkwe materjal għajr karta, kartonċin jew tessuti; film f'rombli għal stampar fil-pront, sensitizzat, mhux meħud
3703	Film fotografiku f'rombli, sensitizzat, mhux espost
3705	Pjanċi u films fotografiċi, esposti u żviluppati (għajr prodotti magħmulin mill-karta, kartun jew tessuti, film ċinematografiku u pjanċi għall-istampar lesti għall-użu)
3706	Film ċinematografiku, espost u żviluppati, kemm jekk b'kolonna sonora inkorporata jew li jikkonsistu biss f'kolonna sonora u kemm jekk le
3707	Preparazzjonijiet kimiċi għal użi fotografiċi (ħlief verniċi, kolol, materjali li jwaħħlu u preparazzjonijiet simili); prodotti mhux imħalltin għal użi fotografiċi, ippreżentati f'porzjonijiet meqjusin jew ippreżentati għal bejgħ bl-imnut f'forma lesta għal użu

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3801	Grafit artifiċjali; grafit kollojdali jew semikollojdali; preparati bbażati fuq grafit jew karbonju ieħor f'forma ta' pastes, blokok, pjanċi jew prodotti semimanifatturati oħrajn
3802	Karbonju attivat; prodotti minerali naturali attivati; faħam mill-għadam, eżawrit jew le
3806	Rożin u aċidi tar-raża, u derivattivi tagħhom; l-ispirtu tar-rożin u ż-żjut tar-rożin; gomma tal-ester
3807	Qatran tal-injam; żjut ta' qatran veġetali; il-krijożot tal-injam; nafta tal-injam; żift veġetali; żift tal-birrieri u preparati simili bbażati fuq kolofonija, aċidi tar-raża jew fuq żift veġetali (eskluż żift tal-Bourgogne, żift isfar, iż-żift tal-istearina, żift tal-aċidu xaħmi, qatran xaħmi u żift tal-gliċerina)
3808 94	Diżinfettanti, imħejjija f'forom u pakketti għall-bejgħ bl-imnut jew bħala preparazzjonijiet jew oġġetti
3809	Aġenti għall-finitura, aċċelleranti taż-żebgħa jew tal-iffissar tal-koloranti u prodotti u preparati oħrajn eżempju dressings u mordenti bħal tlibbis u mordenti tat-tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li mhumiex speċifikati banda oħra.
3810	Preparati għat-tindif tas-superfiċji tal-metall; flussi u preparazzjonijiet awżiljari oħrajn għall-istannjar, l-ibbrejżjar jew l-iwweldjar; trabijiet u kremi għall-istannjar, l-ibbrejżjar jew l-iwweldjar li jikkonsistu f'metall jew materjali oħrajn; preparati ta' tip użati bħala qlub jew kisi għal elettrodi jew vireg tal-iwweldjar
3811	Preparati antidetonanti, inibituri tal-ossidazzjoni, inibituri tal-gomma, tejjieba tal-viskożità, preparati kontra l-korrużjoni u addittivi ppreparati oħrajn, għaż-żjut minerali, inkluż gażolina, jew għal likwidi oħrajn użati għall-istess finijiet bħaż-żjut minerali
3812	Aaċċeleraturi tal-gomma ppreparati; plastiċizzaturi komposti għal gomma jew għal plastiks, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparati kontra s-sadid u stabbilizzaturi komposti oħrajn għal gomma u plastiks
3813	Preparati u kargi għal apparat ta' tifi tan-nar; granati kkargati għat-tifi tan-nar (eskluż apparat mimli jew vojt tat-tifi tan-nar, li jinġarr jew le, prodotti mhux imħallta mhux definiti kimikament b'karatteristiċi tat-tifi tan-nar f'forom oħra)
3814	Solventi u thinners organiċi kompożiti, mhux speċifikati banda oħra; aġenti ppreparati għat-tneħħija taż-żejt jew tal-verniċ (minbarra aġenti għall-verniċ tad-dwiefer)
3815	Inizjaturi tar-reazzjonijiet, aċċelleraturi tar-reazzjonijiet u preparati katalitiċi, li mhumiex speċifikati banda oħra. (eskl. aċċeleraturi tal-gomma)
3816	Is-simenti refrattarji, it-tajn tal-bini, il-konkos u kompożizzjonijiet simili, inkluż it-taħlita għat-tablit tad-dolomit, għajr il-prodotti tal-intestatura 3801
3817	Alkilbenżeni mħalltin u alkilnaftaleni mħalltin prodotti mill-alkilazzjoni tal-benżen u naftalina (eskluži isomeri mħallta ta' idrokarburi ċikliċi)
3819	Fluwidi tal-brejkijiet idrawliċi u likwidi ppreparati oħrajn għat-trażmissjoni idrawlika li ma jkun fihom jew ikun fihom < 70 % skont il-piż ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksubin minn minerali bituminużi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3820	Preparati kontra l-iffriżar u fluwidi ppreparati għat-tneħħija tas-silġ (eskluži addittivi ppreparati għaż-żjut minerali jew likwidi oħra użati għall-istess skopijiet bħaż-żjut minerali)
3823	Aċidi xaħmin monokarboksiliċi industrijali; żjut tal-aċidu mir-raffinar; alkoħoli xaħmin industrijali
3824	Materjali ppreparati li jgħaqqdu għal forom jew ċentri ta' funderija; prodotti kimiċi u preparazzjonijiet tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
3825 90	Prodotti residwi tal-industriji kimiċi jew alleati, li mhumiex speċifikati banda oħra. (eskluż l-iskart)
3826	Bijodiżil jew taħlitiet tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih < 70 % skont il-piż żjut tal-petroleum jew żjut miksubin minn minerali bituminużi
3827 90	Taħlitiet li fihom derivattivi aloġenati ta' metan, etan jew propan, mhux speċifikati f'subintestaturi oħrajn li jappartjenu għall-intestatura 3827
3901	Polimeri tal-etilen, fil-forom primarji
3902	Polimeri tal-propilen jew ta' olefini oħrajn, fil-forom primarji
3903	Polimeri tal-istiren, fil-forom primarji
3904	Polimeri tal-klorur tal-vinil jew ta' olefini aloġenati oħrajn, fil-forom primarji
3905	Polimeri tal-klorur tal-vinil jew ta' olefini aloġenati oħrajn, fil-forom primarji; polimeri oħra tal-vinil, fil-forom primarji
3906	Polimeri akriliċi, fil-forom primarji
3907	Poliaċetali, polieteri oħrajn u r-rażi tal-epossidu, fil-forom primarji; polikarbonati, reżini tal-alkid, esteri tal-poliallil u poliesteri oħra, fil-forom primarji
3908	Poliammidi, fil-forom primarji
3909	Amino-rażi, rażi fenoliċi u poliuretani, f'forom primarji
3910	Silikoni f'forom primarji
3911	Rażi ta' żejt minerali (petroleum), rażi coumarone-indene, politerpini, polisulfidi, polisulfoni u prodotti oħrajn speċifikati fin-nota 3 tal-Kapitolu 39, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, f'forom primarji
3912	Ċelluloża u d-derivattivi kimiċi tagħha, li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, f'forom primarji
3913	Polimeri naturali (pereżempju, aċtu alġiniku) u polimeri naturali modifikati (pereżempju, proteini mwebbsin, derivattivi kimiċi ta' gomma naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi band' oħra, f'forom primarji
3914	Sustanzi għal bdil ta' joni bbażati fuq polimeri ta' titli 3901 sa 3913, f'forom primarji

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3915	Skart, bċejjeċ maqtugħin u fdal, ta' plastiks
3916	Monofilament li kwalunkwe dimensjoni trażversali tiegħu taqbeż il-1 mm, vireg, stikek u l-forom profilati, kemm jekk bis-superfiċje maħduma u kemm jekk le iżda li ma jkunux maħdumin mod ieħor, tal-plastik
3917	Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, u fittings għalihom (pereżempju ġonot, elbows, flanġijiet) tal-plastik
3920	Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik, mhux ċellulari u mhux rinfurzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn
3921	Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik
3922 90	Bidets, lokijiet, ċisterni tal-flushing u oġġetti simili tal-kamra tal-banju, tal-plastik (esklużi banjijiet, banjijiet bid-doċċa, sinkijiet, washbasins, sedili u għotjien tal-lavatorji)
3925	Oġġetti tal-bennejja tal-plastik, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra
3926 90	Oġġetti tal-plastik u oġġetti ta' materjali oħrajn tal-intestaturi 3901 sa 3914 [esklużi: provvisti tal-uffiċċju jew tal-iskola; oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ (inklużi ingwanti, ingwanti li jgħattu erba' swaba biss (mittens) u ingwanti li jgħattu nofs is-swaba biss (mitts)); tagħmir għal għamara, karrozzi jew bħalhom; statwetti u oġġetti ornamentali oħrajn]
4002	Lastiku sintetiku u factice derivat miż-żjut, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi; taħlit ta' gomma naturali, balata, guttaperka, guayule, ħalib tas-sapodilja jew gomom naturali simili b'gomma u factice sintetiċi, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi
4005	Lastiku kompost, mhux vulkanizzat, fil-forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi
4006 10	Strixxi 'dahar tal-ġemel' għal bdil tal-uċuħ ta' tajers tal-gomma
4008 21	Pjanċi, folji u strixxi, tal-gomma mhux ċellulari
4009 12	Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, tal-gomma vulkanizzata (eskluż gomma iebsa), mhux rinfurzati jew b'xi mod ieħor ikkombinati ma' materjali oħrajn, bil-fittings
4009 41	Tubi, pajpijiet u pajpijiet flessibbli, tal-gomma vulkanizzata (eskluż gomma iebsa), rinfurzati jew b'xi mod ieħor ikkombinati ma' materjali oħrajn eskluż metall jew materjali tessili, mingħajr fittings
